MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 468/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta' Mejju 2012 li jghid hekk:
1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat 11 ta' Lulju 2007 (Dok. A), fejn is-socjeta attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace, fis-somma ta' disghin elf, hames mija u sitta u disghin ewro u centezmu (€90,596.01), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B4 u C1 sa C3), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Marzu 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dok. A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici; u

2. Tikkundanna lil Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace jhallsu flimkien u *in solidum* lis-socjeta attrici s-somma ta' disghin elf, hames mija u sitta u disghin ewro u centezmu (€90,596.01) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Brian u Mary Fleur mizzewgin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B6 u C1 sa C3) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Marzu 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2011, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati skond il-ligi baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut u ma thallas xejn minnu, u inoltre illum hemm iz-zieda fl-imghax.

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lil-bank attur l-ammont ta' disghin elf, hames mija u sitta u disghin ewro u centezmu (€90,596.01), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------